PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU EURÓPSKY PARLAMENT
EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

Strasburgu, 23 ta' Ottubru 2007

IT-TRATTAT TA' LIŻBONA

Fid-19 ta' Ottubru 2007, f'Liżbona, l-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet laħqu ftehim dwar it-Trattat tar-Riforma l-ġdid, ftehim li bih intemmet il-Konferenza Intergovernattiva (IGC).

It-Trattat il-ġdid se jsaħħaħ il-kapaċità ta' l-Unjoni li taġixxi permezz ta' żieda fl-effiċjenza u fl-effettività ta' l-istituzzjonijiet u tal-mekkaniżmi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, speċjalment fir-rigward ta' l-isfidi globali l-ġodda - u kwistjonijiet li jinteressaw liċ-ċittatidni - bħall-bidla fil-klima, is-sigurtà ta' l-enerġija, it-terroriżmu internazzjonali, il-kriminalità organizzata transkonfinali, l-immigrazzjoni u t-tkabbir ulterjuri.

It-Trattat ta' Liżbona se jtejjeb ukoll ir-responsabilità demokratika ta' l-Unjoni u ta' l-istat tad-dritt, billi jerġa' jafferma l-objettivi u l-valuri ta' l-Unjoni.

It-Trattat tar-Riforma l-ġdid jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li se jingħata l-isem l-ġdid tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea (TFEU). Iż-żewġ Trattati għandhom l-istess importanza legali.

Għalkemm it-Trattat il-ġdid m'għadux ta' natura kostituzzjonali, jippreżerva l-ogħla suċċessi tal-Kostituzzjoni fir-rigward tal-leġittimità, l-effiċjenza u t-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini (b'xi eċċezzjonijiet sostanzjali għar-Renju Unit u xi Stati Membri oħra):

1. Artikolu fil-bidu tat-TEU jiddefinixxi b'mod ċar il-valuri li fuqhom tibbaża ruħha l-Unjoni. Artikolu ieħor jistabbilixxi l-objettivi ta' l-Unjoni.

2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundmentali ssir torbot leglament u għandha l-istess valur legali tat-Trattati, għalkemm it-test tagħha mhux ser jiġi nkluż fit-Trattati. Minħabba l-insistenza tar-rappreżentanti tal-PE waqt l-IGC, il-Karta se tiġi proklamata solennement waqt sessjoni plenarja tal-Parlament mill-Presidenti tal-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2007 u sussegwentement ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-proklamazzjoni se tirrifletti n-natura speċifika tal-Karta u se żżid il-viżibilità tagħha. L-artikolu tat-Trattat li jagħti lill-Karta l-karatteristika legali li torbot se jirreferi għall-proklamazzjoni msemmija diġà. Miżuri speċifiċi għar-Renju Unit u għall-Polonja se jiġu introdotti permezz ta' Protokoll li jistabbilixxi

eċċezzjonijiet fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u l-qrati nazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet rikonoxxuti mill-Karta.

3. L-abbozz tat-Trattat jipprovdi bażi legali ġdida għall-adeżjoni ta' l-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kusill se jiddeċiedi permezz ta' l-unanimità, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew u bl-approvazzjoni ta' l-Istati Membri.

4. Għalkemm id-dispożizzjonijiet marbuta maċ-ċittadinanza se jkunu fit-TFEU, il-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea reġa' ħa l-post li jistħoqlu u, minħabba l-insistenza tar-rappreżentanti tal-PE, issa dan jidher kif ġej fl-Artikolu 8 tat-TEU: *"Kull ċittadin ta' Stat Membru għandu jkun ċittadin ta' l-Unjoni. Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tkun addizzjonali għaċ-ċittadinanza nazzjonali u m'għandhiex tissostitwiha*."

5. Id-demokrazija bil-parteċipazzjoni tissaħħaħ, l-aktar permezz tad-dritt ta' l-inizjattiva taċ-ċittadini, li jippermetti lil ta' l-anqas miljun ċittadin minn numru sinifikanti ta' Stati Membri jitolbu lill-Kummissjoni biex tieħu inizjattiva f'qasam speċifiku.

6. Il-Ko-deċiżjoni tiġi estiża b'mod sostanzjali (kif maħsub mill-Kostituzzjoni) u ssir il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Bħala riżultat, il-Parlament Ewropew isir ko-leġiżlatur ugwali għall-95% tal-leġiżlazzjoni Ewropea. Il-parteċipazzjoni tal-Parlament iżżid il-leġittimità demokratika tal-leġiżlazzjoni Ewropea.

7. Il-proċedura tal-baġit il-ġdida tiżgura bis-sħiħ parità bejn il-Parlament u l-Kunsill fl-approvazzjoni tal-baġit kollu (id-distinzjoni bejn l-ispiża obbligatorja u dik mhux obbligatorja tiġi eliminata) u tal-qafas finanzjarju mulitannwali, li jsir jorbot legalment.

8. L-ivvutar b'maġġoranza kwalifikata ssir ir-regola ġenerali fil-Kunsill. Id-definizzjoni tagħha bħala maġġoranza doppja ta' 55% ta' l-Istati li jirrappreżentaw 65% tal-popolazzjoni tinżamm kif stabbilit fil-Kostituzzjoni (mentri biex jitqiesu bħala minoranza li timblokka jkun hemm bżonn numru minimu ta' 4 Stati Membri), għalkemm mhux se tidħol fis-seħħ qabel l-2014. Se tkun suġġetta wkoll għall-perjodu tranżizzjonali ta' 3 snin sa l-2017, waqt dan iż-żmien deċiżjoni tista' titwaqqaf kif stipulat fir-regoli tal-votazzjoni mfassla fit-Trattat ta' Nizza. Barra minn hekk, mekkaniżmu ġdid ibbazat fuq il-"Kompromess ta' Ioannina" jistipola li minoranza ta' Stati Membri jistgħu jitolbu rikonsiderazzjoni ta' proposta leġiżlattiva qabel ma tiġi adottata. Skond Dikjarazzjojni annessa mat-Trattat il-Ġdid, deċiżjoni tal-Kunsill se tagħti status legali lil dan il-mekkaniżmu. Protokoll li ġie nnegozjat fl-aħħar sigħat ta' l-IGC jistqarr li l-Kunsill jista' biss jirrevoka jew jemenda dik id-deċiżjoni wara deliberazzjoni preliminarja fil-Kunsill Ewropew, li qed jaġixxi b'kunsens.

9. Barra minn hekk, se jkun aktar faċli minn kemm huwa issa li jseħħ rikors għall-koperazzjoni aktar mill-qrib. Il-Parlament għandu jagħti l-kunsens tiegħu.

10. President permanenti tal-Kunsill Ewropew ġdid (li jiġi elett għal sentejn u nofs mill-Kapijiet ta' l-Istati u l-Gvernijiet) se jippresjedi u jmexxi x-xogħol 'il quddiem. Hu jew hi se jiżgura/tiżgura l-parteċipazzjoni u l-kontinwità tax-xogħol tal-Kunsill Ewropew, jagħmel/tagħmel kull sforz biex jiffaċilita/tiffaċilità l-koeżjoni u l-kunsens fi ħdan il-Kunsill Ewropew u jippreżenta/tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull laqgħa tal-Kunsill.

11. L-IGC qablet fuq il-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament ibbażata fuq proposta mressqa mill-Parlament biż-żieda ta' siġġu wieħed. Dan is-siġġu se jiġi allokat lill-Italja. Bħala riżultat, il-Parlament se jkun kompost minn 750 membru u l-President tiegħu.

12. Il-President tal-Kummissjoni se jiġi elett mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Dan il-kandidat se jiġi propost lill-Parlament mill-Kunsill Ewropew, li jinnomina lill-kandidat permezz ta' maġġoranza kwalifikata, filwaqt li jikkunsidra r-riżultati ta' l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u jagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa. Il-Parlament se jivvota wkoll fuq l-investitura tal-Kummissjoni kollha, inkluż ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija, li jkun ukoll il-viċi president tal-Kummissjoni.

13. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-Kummissjoni, se jitnaqqas in-numru tal-membri tagħha: wara l-2014, se tkun komposta minn numru ta' kummissarji li jikkorrispondi għal żewġ terzi tan-numru ta' Stati Membri. Sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri se tiġi introdotta sistema ta' rotazzjoni, li tiżgura li kull Stat Membru jkun rappreżentat f'żewġ kulleġġi minn tlieta. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat tar-Riforma sa l-2014, il-Kummissjoni se tkun komposta minn membru wieħed għal kull Stat Membru (inkluż il-Viċi president/ir-Rappreżentant Għoli).

14. Il-ħolqien ta' Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin, li jwettaq kariga doppja, li se jippresjedi l-Kunsill għall-Affarijiet Barranin u jkun wieħed mill-viċi presedenti tal-Kummissjoni, se jiżgura l-koerenza ta' l-azzjoni esterna kollha ta' l-Unjoni. Hu/hi, se jiġi/tiġi elett/a mill-Kunsill Ewropew bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni. Bħala viċi president tal-Kummissjoni, hu/hi jkun/tkun suġġett/a għall-vot ta' investitura tal-Kummissjoni kollha mill-Parlament. B'inizjattiva tar-rappreżentanti tal-PE, dikjarazzjoni nnegozjata fl-aħħar mumenti ta' l-IGC tiggarantixxi d-dritt tal-Parlament li jiġi involut fil-ħatra ta' l-interim l-ewwel Rappreżentant Għoli.

15. Il-progress li seħħ fil-qasam tal-Politika Komuni ta' l-Affarijiet Barranin u tas-Sigurtà ġie miżmum kompletament, inkluż il-progress li seħħ fit-tkabbir ta' l-effiċjenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-ħolqien ta' Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, imfassal biex jgħin lir-Rappreżentant Għoli biex jiżgura l-koerenza ta' l-azzjoni esterna kollha ta' l-Unjoni.

16. Fil-qasam tad-difiża, dawk l-Istati Membri li għandhom il-kapaċità u l-volonta li jagħmlu dan, jistgħu jiżviluppaw koperazzjoni strutturata li tista' twassal għal sistema ta' difiża komuni. Tiġi introdotta klawsola ta' solidarjetà: jekk Stat Membru jkun vittma ta' aggressjoni armata fit-territorju tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandhom jgħinuh u jappoġġjawh b'kull mezz possibbli.

17. Il-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jiġi komunitarizzat u l-ko-deċiżjoni u l-votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata jiġu estiżi, anke jekk f'ċerti każijiet jibqgħu possibbli inizjattivi minn Stati Membri . Il-Komunitarizzazzjoni tintrabat ma' ċerti "brejkijiet ta' emerġenza" li jippermettu lill-Istati Membri li jressqu kwistjonijiet lill-Kunsill Ewropew meta jkunu qed jirriskjaw l-interessi vitali tagħhom f'dan il-qasam. F'dawn il-każijiet, il-koperazzjoni mill-qrib tiġi ffaċilitata. L-eċċezzjonijiet għar-Renju Unit u għall-Irlanda huma stabbiliti permezz ta' protokoll speċifiku (mekkaniżmu ta' opt-in/opt-out).

18. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tinfirex biex tkopri l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni bl-eċċezzjoni tal-Politika Komuni ta' l-Affarijiet Barranin u tas-Sigurtà (iżda bl-inklużjoni tal-kontroll fuq il-miżuri li jirrestringu d-drittijiet ta' l-individwi).

19. Tiġi introdotta l-personalità legali unika ta' l-Unjoni u l-istruttura tal-pilastri tintemm, għalhekk il-politiki komuni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jiġu integrati fil-metodu Komunitarju. Il-Politika Komuni ta' l-Affarijiet Barranin u tas-Sigurtà, madankollu, tiġi indirizzata fit-TEU (filwaqt li setturi oħra ta' l-azzjoni esterna ta' l-UE jiġu indirizzati fit-TFEU) u tibqa' titmexxa minn proċeduri speċifiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

20. Jiġi introdott tqassim tal-kompetenzi ċar u preċiż, akkumpanjat minn klważola ta' flessibilità, simili għal dik li diġà teżisti, iżda li fiha issa, l-Parlament jrid jagħti l-kunsens tiegħu.

21. Minn barra dik li tissejjaħ il-proċedura tal-"karta s-safra" (jekk terz mill-parlamenti nazzjonali jirrifjutaw il-proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni terġa tikkunsidraha) ġie introdott mekkaniżmu ġdid imfassal biex jippermetti lill-parlamenti nazzjonali jikkontrollaw l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà: jekk maġġoranza sempliċi tal-parlamenti nazzjonali tadotta opinjoni li tiddikjara li proposta leġiżlattiva ma tirrispettax il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-Kunsill jew il-Parlament jaqblu ma' dawk il-parlamenti nazzjonali, il-proposta tiġi rrifjutata.

22. Tiġi introdotta l-bażi legali l-ġdida għall-enerġija (imsaħħa), il-brevetti, it-turiżmu, l-isport, l-ispazju u l-koperazzjoni amministrattiva u l-politika ambjentali ġiet supplimentata b'referenza għall-bidla fil-klima.

23. Klawżola orizzontali "soċjali" ġdida tiżgura li, fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tagħha, l-Unjoni se tikkunsidra rekwiżiti bħall-promozzjoni ta' "livell għoli ta' imjiegi", "protezzjoni soċjali xierqa" il-"ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali" u "livell għoli ta' edukazzjoni, formazzjoni u ħarsien tas-saħħa tal-bniedem".

24. Basi legali speċifika tirrikonoxxi l-karatteristiċi partikolari tas-servizzi ta' interess ġenerali ekonomiku. It-tħassib ta' l-Unjoni f'dan il-qasam jiġi kumplimentat ulterjorment permezz ta' Protokoll.

25. Il-Ġerarkija tan-normi tiġi preservata permezz ta' distinzjoni bejn l-atti leġiżlattivi, l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, għalkemm it-termini "liġi" u "qafas legali" ġew abbandunati biex tinżamm it-terminoloġija attwali (direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet). Il-Parlament u l-Kunsill se jkollhom poter indaqs fir-rigward tad-definizzjoni tal-modalitajiet ta' kontroll ta' l-atti delegati u implimentati (komitoloġija).

26. Il-Parlament Ewropew għandu rwol imsaħħaħ fil-proċedura tar-reviżjoni tat-Trattat: jieħu l-inizjattiva t-tajba, jagħmel parti mill-Konvenzjoni li hija fil-qalba tal-proċedura l-ġdida ordinarja tar-reviżjoni, u l-kunses tiegħu huwa neċessarju jekk il-Kunsill ma jixtieqx jitlob Konvenzjoni f'każ ta' tibdiliet zgħar.

27. Jinżammu l-proċeduri semplifikati biex jiġu emendati t-Trattati fir-rigward tal-politiki u l-proċeduri li ġew introdotti mill-Kostituzzjoni :

    - il-parti tat-TFEU li tikkonċerna l-politiki interni u l-azzjonijiet tista' tiġi modifikata b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew bl-approvazzjoni ta' l-Istati Membri (il-PE kkonsultat);

    - proċedura semplifikata oħra tippermetti li mill-unanimità wieħed jgħaddi għall-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill jew mill-proċedura leġiżlattiva speċjali għall-proċedura leġiżlattiva oridinarja (ko-deċiżjoni) permezz ta' deċiżjoni unanima tal-Kunsill bl-approvazzjoni tal-PE. Jekk parlament nazzjonali joġġezzjona, id-deċiżjoni ma tistax tiġi adottata. F'dan il-każ tista' tapplika r-reviżjoni ordinarja tat-Trattar.

Fl-aħħar, it-TEU se jinkludi klawsola ta' rtirar li tiddefinixxi l-modi u l-proċedura ta' kif Stat Membru jista' joħroġ mill-Unjoni. Huwa neċessarju l-kunsens tal-Parlament Ewopew.